Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8685/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0072 (NLE)

PECHE 193

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-19 ta’ Diċembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2027/2006[1] biex ikkonkluda l-Ftehim ta’ Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta’ Cape Verde[2] ('il-Ftehim'). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-30 ta’ Marzu 2007, ġie mġedded b’mod taċitu u għadu fis-seħħ.

(2) Il-Protokoll preċedenti ta' dan il-Ftehim skada fit-22 ta’ Diċembru 2018.

(3) Il-Kummissjoni nnegozjat, f’isem l-Unjoni, Protokoll ġdid. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati, il-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat fit-12 ta’ Ottubru 2018.

(4) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/…[3+], il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta’ Cape Verde (2019-2024) ('il-Protokoll') ġie ffirmat fil-...[++].

---

1 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/2006 tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 1).

2 ĠU L 414, 30.12.2006, p. 3.

3 Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta' ...dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta’ Cape Verde (2019-2024) (ĠU L ...).

+ ĠU: daħħal in-numru tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 8655/19 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

++ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll fid-dokument st 8668/19.

(5) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

(6) Il-Protokoll se jibda japplika b'mod provviżorju mill-iffirmar tiegħu sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti taħt il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024) għandhom ikunu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja:	16-il	bastiment;
Franza:	12-il	bastiment;

(b) bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

Spanja:	21	bastiment;
il-Portugall:	6	bastimenti;

(c) bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief:

Spanja:	8	bastimenti;
Franza:	4	bastimenti;
il-Portugall:	2	bastimenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika minn ...[id-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President